DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Dipartiment tal-Kurrikulu u *eLearning*
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2011**

Ro

**IT-TIENI SENA** **MALTI** **ĦIN: SAGĦTEJN**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ____________

Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

SKEMA TA' MARKI

| **Mistoqsija** | **A** | **B** | **Ċ** | **D** | **E** | **F(i)** | **F(ii)** | **Ġ** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Marki** | 8 | 22 | 4 | 7 | 7 | 15 | 17 | 20 | 100 |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | | | | | |

KUMMENTI

______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________
______________________________

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

Aqra sewwa s-silta u wieġeb il-mistoqsijiet.

# L-IMĦADED TAR-RIX



Fl-antik, in-nies kienu bil-għaqal u ma tantx kienu jaħlu. Hekk pereżempju, wara li jnittfu r-rix tat-tiġieġ jew ta' tjur oħrajn, kienu jaħsluh u jtellgħuh jinxef fuq il-bejt, taħt xi liżar biex ma jtirilhomx, u wara, b'dan ir-rix kienu jagħmlu l-imħaded. (*par. 1*)

Hemm min jgħid li dawn l-imħaded tar-rix iqabbdu l-attakk tal-ażżma. Iżda hemm min għandu din il-kundizzjoni u jorqod fuq imħaded li ilhom fil-familja għal snin twal, u qatt ma ġralu xejn. Hemm oħrajn li kif imorru jorqdu għand xi ħadd u, bla ma jafu, jserrħu rashom fuq imħaded tar-rix, erħilhom jisogħlu, jagħtsu u jimsħu d-dmugħ iġelben minn għajnejhom. Jiddependi għal xiex ikunu sensittivi. (*par. 2*)

Jingħad, iżda, li l-imħaded tar-rix li jinxtraw daż-żmien ma fihomx dan il-periklu għaliex ir-rix ikun ibbliċjat u sterilizzat. Iżda jibqa' l-fatt li l-ħmieġ tal-insetti mit-trabijiet fid-dar jaf jikkawża wkoll l-attakk tal-ażżma. Għaldaqstant, fil-familji fejn hemm l-ażżma, wieħed għandu iżjed u iżjed jagħti kas tal-ambjent u tal-iġjene personali. (*par. 3*)

Xi ħaġa oħra li nstabet li għandha x'taqsam maż-żieda fl-attakki tal-ażżma hija l-fissazzjoni tagħna li lit-temp nikkontrollawh aħna. F'postijiet fejn kullimkien ikun magħluq bl-aluminju u jkun hemm l-arja kkundizzjonata jew xi sħana artifiċjali, l-arja ma tiċċirkolax. Jekk ikun hemm xi trabijiet jew moffa fl-arja, dawn jidħlu fil-pulmun man-nifs u dan jikkawża l-attakk tal-ażżma. Mela m'hemm xejn aħjar mill-arja pura. Għalhekk rewwaħ l-ambjent u iffriska l-arja billi kultant tiftaħ tieqa. (*par.4*)

(Addattament minn *L-Imħaded tar-Rix* ta' Tanja Cilia)

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. X'kienu jagħmlu fl-antik bir-rix tat-tjur?

_______________________________________________

_______________________________________________ (1)

2. Semmi żewġ affarijiet x'jiġrilu min imur għand xi ħadd u jorqod fuq imħadda tar-rix.

_______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Għaliex illum l-imħaded tar-rix mhumiex ta' periklu għal min jużahom?

_______________________________________________________________

4. Għaliex fil-familji fejn hemm l-ażżma, wieħed irid jagħti iżjed importanza tal-indafa personali u tal-ambjent?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

5. Għaliex jista' jkollna attakk tal-ażżma meta l-arja ma tiċċirkolax?

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

6. *Jingħad, iżda, li l-imħaded tar-rix li jinxtraw daż-żmien ma fihomx* ***dan*** *il-periklu...* (*par. 3*) Għal xiex qiegħed jirreferi l-pronom ***dan*** ? ______________________________ (1)
7. *Mela m'hemm xejn aħjar mill-arja pura.* (*par. 4*) Ikteb il-kelma li turi li l-ħsieb ikompli mas-sentenza ta' qabilha. ___________________. (1)

### (ii) LESSIKU/VOKABULARJU

8. Sib mis-silta l-kelma li taqbel ma':
   jinżel (*par. 2*) ________________ indafa (*par.3*) ________________ (2)
9. Fisser:
   *arja pura* (*par. 4*) _________________________________________
   *rewwaħ l-ambjent* (*par. 4*) _________________________________ (2)

### (iii) SINTASSI/SENTENZA

10. Ikteb is-sentenza mod ieħor iżda ħalli l-istess tifsira.

- *Jingħad, iżda, li l-imħaded tar-rix li jinxtraw daż-żmien ma fihomx dan il-periklu għax ir-rix ikun ibbliċjat u sterilizzat.* (*par. 3*)
- Jingħad li minħabba li r-rix _______________________________________________
  _______________________________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## (iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA (14-il

Wieġeb skont kif mitlub minnek.

11. Imla l-vojt b'aġġettiv bil-kelma fil-parentesi.

Minħabba li kien ġuvni ____________________ (intelliġenza), kulħadd stenna li James għad ikun xi ras ____________________ (kobor) fil-futur. (2)

12. Imla l-vojt b'aġġettiv fis-superlattiv mill-kelma fil-parentesi.

Jessica hija l- ____________________ tfajla ____________________ (ġentilezza) fost l-istudenti tal-klassi. (1)

13. *Ir-rix kienu jaħsluh u jtellgħuh jinxef fuq il-bejt, taħt xi liżar biex ma jtirilhomx.*(*par. 1*)

Mis-sentenza ikteb:

verb ewlieni sħiħ - ____________________ verb moħfi - ____________________

verb imnissel - ________________________ temp kompost - __________________ (4)

14. Mill-verb **attakka** oħroġ il-Partiċipju Passiv femminil. __________________________ (1)

15. Nissel nom mill-verb **jinxtraw -** ____________________ (1)

16. Agħti l-għerq tal-verb **iġelben -** _____________________ (1)

17. Ikteb il-pronom mehmuż tal-verb: **jaħsluh -** ____________________ (1)

18. Aqleb fl-Istat Kostrutt :

is-saħħa tal-bniedem - _____________________________________________________ (1)

19. a) In-nom **rix** huwa nom fis-singular, fil-plural, fil-kollettiv ? ______________________ (1)

b) In-nom **imħaded** huwa plural miksur, plural sħiħ ? ____________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI

StudentBounty.com

Wieġeb **A** u **B**

**A.** Ikteb sentenza bil-qawl mogħti biex toħroġ it-tifsira tiegħu.

1. Jekk tixtri kulma tara, iżżarma l-għamara.

____________________________________________

____________________________________________ (1)

2. Iż-żmien għażiż ma jinxtarax.

____________________________________________

____________________________________________ (1)

**B.** Ikteb sentenza bl-idjoma mogħtija biex tiddeskrivi karattru li taf.

3. Fommu sieket - ____________________________________

____________________________________________ (1)

4. Moħħha jilħqilha - __________________________________

____________________________________________ (1)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (7 marki)

F'madwar sittin kelma iddeskrivi lil xi ħadd li jiġi minnek, li huwa/hija l-favorit/a tiegħek.

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

____________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI –SEHEM IL-MALTI FIL-KULTURA

F’madwar sittin kelma ikteb dwar personaġġ li ħadt gost tfittex dwaru waqt it-tiftix tiegħek g[...] proġett ta’ din is-sena.

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

_______________________________________________

## F. (i) LETTERATURA - NADRIET 2 (15-il marka)

Wieġeb **A** u **B**

**Il-Barri** ta’ Ġorġ Pisani

**A**.

U xħin fil-bitħa huwa xamm ir-riħa
Li kienet tixhed it-tixrid tad-dmija,
Il-barri għajjat, u b’din l-għajta tiegħu
Kexkex il-biċċerija.

1. Il-poeżija hija miktuba bil-vers ________________________ (1)

2. Agħti żewġ kelmiet li jirrimaw.

________________ ________________ (1)

3. Ikteb il-verb li jnissel biża’. ________________ (1)

4. a) Ikteb dwar il-ħolma tal-barri.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

b) Ikteb dwar dak li ħass il-barri meta qam min-nagħsa.

_______________________________________________

_______________________________________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

5. F'madwar ħamsa u għoxrin kelma ikteb dwar il-ġrajja ta' niket f'*Ballata* ta' Rużar B

**B. Aktar Nadriet Poetiċi**

| |
|---|
| *Univers Ieħor* ta' Dun Karm, *Lejl tat-Tfulija* ta' Ġorġ Borġ, *Settembru* ta' Wallace Ph. Gulia, *Fil-Menqa* ta' Ġorġ Peresso, *Ġunju* ta' Dun Karm |

Agħżel poeżija **waħda** mil-lista u f'madwar għoxrin kelma ikteb dwar x'jgħid il-poeta fil-poeżija.
(3 marki)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## F. (ii) LETTERATURA - PROŻA (1…

Wieġeb **A** u **B**

**A. Nies Bla Sabar** ta' Temi Zammit (7 marki)

F'madwar sittin kelma ikteb dwar: *Bieżla u Għaqlija* **JEW** *Iż-Żewġ Seksieka*.

**B. Fuklar Qadim u Bnadar Imċarrta** ta' Trevor Żahra (Ikteb fuq karta oħra) (10 marki)

Agħżel **waħda** u ikteb madwar mitt kelma.

1. Irrakkonta dwar x'ġara lil Toninu meta sab ruħu għall-ewwel darba fuq is-saqqu tat-tiben. Ikteb ukoll dwar xi ġralu xi jumejn wara meta reġa' daħal wara l-fuklar.

**JEW**

2. Ikteb dwar il-laqgħa ta' Toninu mal-Markiż fil-kamra tal-pranzu.

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

Ikteb madwar 200 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn. (Ikteb fuq karta oħra.)

1. Ta'spiss immur nissellef il-kotba mil-librerija. Agħti deskrizzjoni tal-post.

2. Ħdejn il-baħar f'ġurnata xemx taqli l-ankri

3. Il-ħbieb tal-qalb tiegħi

4. Meta mort inżur in-nanniet tiegħi

5. Jiena u oħti kellna nieħdu ħsieb iż-żewġ kuġini żgħar meta l-ġenituri tagħhom kienu mistednin ikla għand il-ħbieb. Ikteb dwar din l-esperjenza.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers